MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 23/2001/1

***Perit Arkitett Edward Bencini u l-Perit Arkitett Ray Demicoli ghan-nom u in rappresentanza ta' BD Associates***
***vs***
***Anthony Pace Gouder***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu, l-atturi wara li ppremettew: illi l-konvenut kien ikkontesta t-terminazzjoni tal-impieg tieghu minn ma l-atturi bi proceduri migjuba quddiem it-Tribunal Industrijali (Kaz Nru: 1161) fl-ismijiet Anthony Pace Gouder vs BD Associates;

Illi b'sentenza tal-24 ta' Ottubru 2000 l-istess Tribunal ordna lil BD Associates thallas kumpens ta' sitt elef erba' mija u disa' u sittin lira Maltin (Lm 6,469) lill-konvenut;

Illi t-Tribunal ma ppermettiex lill-atturi li jressqu certi provi, b’mod partikolari li jtellghu xhieda li setghu jitfghu dawl fuq l-inkompetenza tal-konvenut, u dan bi ksur ta’ principju tal-gustizzja naturali (*audi alteram partem)*;

Illi inoltre t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ta’ importanza ghall-fatt li l-konvenut ma nghatax *warning* bil-miktub (ara pagna 4,5,6,7 u 8), meta din l-anqas m’hi rikjesta mill-ligi, b’dan ghalhekk illi agixxa *ultra vires* u bi ksur ta’ l-artikolu 31 (3) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jippermetti biss li t-Tribunal *“jirregola l-<u>procedura</u> (sottolinear tal-atturi) tieghu stess”*, filwaqt li *“jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz”*, kif ser jigi ppruvat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi b’hekk, apparti li agixxa *ultra vires* il-poteri tieghu, it-Tribunal, skorrettament u minghajr ebda setgha, holoq hu stess regoli li a bazi taghhom kompla biex iddecieda l-kaz, b’dan illi cahad lill-atturi milli jiddefendu ruhhom sew, u kwindi bi ksur tal-imsemmi principju ta’ *audi alteram partem*.

Illi fis-sentenza tieghu t-Tribunal werea nkosistenza ghravi bejn dak li sab bhala ippruvat u l-konkluzjoni li wasal ghaliha, u di piu’ injora certi fatti essenzjali accertati minnu stess, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk jissusssitu ragunijiet validi sabiex din l-Onorabbli Qorti tissindika l-operat u d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet (kaz Nru:  1161 – Decizjoni Nru: 1146);

**Talbu** li l-konvenut jghid ghar-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara illi fid-decizjoni tieghu Nru. 1146 datata 24 ta’ Ottubru 2000 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn Anthony Pace Gouder vs BD Associates, it-Tribunal Industrijali agixxa *ultra vires*;
2. Tiddikjara li fl-istess decizjoni tieghu l-istess Tribunal kiser b’diversi modi l-principju ta’ gustizzja naturali *audi alteram partem*;

3. Tiddikjara illi fl-istess decizjoni t-Tribunal Industrijali naqas li jizgura li ssir gustizzja skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz, kif rikjest mill-artikolu 31 (3) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tiddikjara ghalhekk illi l-istess decizjoni hija nulla u bla effett.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:
1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu respinti peress illi huma bazati fuq ebda fondament la legali u wisq anqas fattwali u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt l-ismiegh ta' dawn il-proceduri;
2. Illi t-talbiet tal-atturi huwa bazati fuq premessi li legalment ma jiggustifikawx u ma humiex sollevabbli sabiex tippromwovi kawza ta' nullita ta' sentenza ta'Tribunal Industrijali;
3. Illi t-Tribunal agixxa sewwa fil-parametri tal-poteri moghtija lilu skond il-ligi u f'ebda mument ma agixxa ultra vires id-drittijiet tieghu tant li ma sar ebda accenn ghal tali lament mill-atturi waqt l-ismiegh tal-proceduri quddiemha;
4. Illi zewg nahat resqu provi aktar minn ezawrjenti in sostenn tal-argument tieghu kif wiehed jista' facilment jinnota minn semplici daqqa t'ghajn tal-process in kwistjoni u ma hux minnu li l-atturi gew imcahhda milli jresqu xi xhud rilevanti ghal kaz taghhom; illi fi kwalunkwe kax ilment ghal tali nuqqas jekk kien hemm kien imissu tqajjem a tempo vergine sabiex ikun jista jigi trattat u deciz f'dak l-istadju, nkluz b'rikors quddiem il-Qrati normali tal-Gustizzja jekk opportun u mhux f'dan l-istadju. Illi ghalhekk tali aggravvju huwa ormai mhux sollevabbli u ma jistax jitqajjem f'dawn il-proceduri;
5. Illi t-Tribunal kellu kull dritt jirrimarka u jgib bhala wiehed mill-konsiderazzjojijiet il-kwistjoni tan-nuqqas ta' *warnings* u b'daqshekk ma jfissirx li agixxa ultra vires; illi

di piu jekk wiehed jaghti titwila hafifa lejn il-maggjor parti tal-kazistika quddiem it-Tribunal Industrijali jinnota kemm huwa element importanti l-kwistjoni tal-*warnings* u n-nuqqas taghhom;
6. Illi inoltre jigi eccepit li l-atturi naqqsu li jindikaw fil-premessi u talbiet taghhom liema huma dawk il-punti ta' ligi skritta li qed jallegaw li gew vjolati mit-Tribunal fis-sentenza in kwistjoni; illi ghal dan il-fattur biss it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti a priori minghajr il-htiega ta' ebda smiegh ulterjuri;
7. Illi dwar l-ilmenti ta' natura fattwali mressqa fil-premessi tac-citazzjoni, dawn ma jistghux jigu sollevati f'kaz ta' din il-materja u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux ghalfejn jikkummenta oltre fuq dan il-punt;
8. Illi fi kwalunkwe kaz ma sar ebda nuqqas da parti tat-Tribunal Industrijali la ta' natura legali u wisq anqas ta' natura fattwali li jista' b'xi mod remot iwassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita tas-sentenza taghha datata 24 ta' Ottubru 2000;
9. B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun opportun, skond kif jizvolgi l-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-atturi li minn issa qed jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

**Kwadru tal-fatti**
Illi din il-Qorti qeghda tigi mitluba li tiddikjara null lodo tat-Tribunal Industrijali moghti fil-kaz numru 1161 fl-ismijiet *Anthony Pace Gouder vs BD Associates*, fejn dan it-Tribunal, wara li ddikjara li t-tkeccija tal-konvenut mill-impjieg tieghu mas-socjeta' BD Associates kienet ingusta, u wara li ha konjizzjoni ta' diversi fatturi, fosthom anke l-element tal-kontributorjeta' da parti tal-istess konvenut,

tah bhala rimedju kumpens finanzjarju fis-somma ta' Lm6,469.

Illi l-atturi qed qed jopponu ghal dan il-lodo bil-prezenti proceduri u qed jibbazaw it-talba taghhom, diretta ghan-nullita' ta' din id-decizjoni fuq is-segwenti kawzali: li sehhet da parti tat-Tribunal Industrijali vjolazzjoni tal-principju *audi alteram partem*;  li t-Tribunal agixxa *ultra vires*; u li t-Tribunal wera inkonsistenzi gravi bejn dak li sab provat u l-konkluzjoni li wasal ghaliha, u fl-istess waqt injora certi fatti essenzjali.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti konsiderazzjonijiet legali maghmula fis-sentenza taghha ***Cyberton Limited vs Joseph Felice*** *[PA NC. 1 ta' April 2003]:* "Illi in tema legali, il-Qorti tosserva li l-aspett gurisdizzjonali tal-kwistjoni li ghandha quddiem din il-Qorti jinsab regolat bl-Artikoli 28, 31(3) u 32(4) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266) kif interpretat u applikat f' diversi kazijiet mill-Qrati taghna. Il-Qorti tosserva li fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kopjuza f' dan ir-rigward, li l-posizzjoni legali hija s-segwenti.

Illi l-organu gudizzjarju jew ahjar kwazi gudizzjarju li ghandu **gurisdizzjoni** sabiex jiddecidi kwistjonijiet dwar allegazzjoni ta' keccija ingusta mill-impieg huwa t-Tribunal Industrijali.  Dan it-tribunal ghandu gurisdizzjoni **esklusiva** konferita lilu b' ligi specjali, cioe' bl-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali, sabiex jiehu konjizzjoni ta' dawn il-kazijiet, b' mod li l-Qrati ordinarji huma ezawtorati milli jezaminaw u jiddeciedu kazijiet ta' din ix-xorta.  L-istess Tribunal ghandu ukoll il-poter esklusiv li **jipprovdi rimedju adegwat** li jista' jiehu l-forma jew ta' reintegrazzjoni fil-jeddijet tal-persuna aggravata ekwivalenti ghar-*reinstatement* fl-impieg, jew fil-forma ta' kumpens finanzjarju.

Illi l-istess ligi li tikkonferixxi din il-gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali, tistabilixxi l-parametri tal-operat tieghu. Dan johrog car mid-dispost tas-sub inciz (3) tal-Artikolu 31 fejn,

wara li dan jghati lit-Tribunal is-setgha li jirregola l-procedura li jadopera, l-istess Artikolu stipulat hekk: *"Tkun xi tkun il-procedura li tigi wzata, it-Tribunal ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tat-sustanza tal-kaz; u, bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali....;* inoltre s-sub inciz (4) tal-Artikolu 32 jiddisponi li: *"It-Tribunal m' ghandux jaghti xi sentenza jew decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impieg."* Dawn huma l-parametri li fihom ghandu jiffunzjona t-Tribunal Industrijali li ghandu jassigura li l-operat tieghu jkun *intra vires* is-setghat lilu moghtija.

Illi huwa proprju f' dan il-kuntest li l-gurisprudenza kostanti rrikonoxxiet l-gurisdizzjoni tal-Qrati Ordinarji biex jissindikaw l-operat u d-decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali bil-ghan li jigi stabbilit jekk dan agixxiex skond is-setghat moghtija lilu bil-ligi.

Din il-gurisdizzjoni pero' hija limitata ghal meta it-tribunal fl-operat tieghu jmur *ultra vires* s-setghat moghtija lilu bil-ligi; u/jew ghal meta ma jassikurax li l-gustizzja issir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz; u li din tkun bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali; u/jew meta d-decizjoni tat-Tribunal tkun kontra d-dispost tas-sub inciz 4 tal-Artikolu 32 fuq citat. *(Vide Onor.Qorti tal-Appell* ***John Holland noe et vs Julian Schembri*** *deciza 20 ta' Mejju 1991****;*** ***Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar*** *deciza 29 ta' Mejju 1991;* ***Joseph Sammut vs Francis Vassallo nomine*** *deciza 19 ta' Mejju 2000;* ***Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita' Marittima ta' Malta*** *deciza 5 ta' Ottubru 2001; Prim Awla (GV)* ***Coreschi Limited vs Maria Coreschi*** *deciza 30 ta' Mejju 2001; Prim Awla (RCP****) Mario Magri vs HSBC Bank (Malta) plc*** *deciza 14 ta' Marzu 2002; Prim Awla (CD)* ***Ray Fenech noe vs Victor Fiorentino*** *deciza 26 ta' Novembru 2002 – u gurisprudenza kopjuza citata f' dawn is-sentenzi)*

*Osservazzjonijiet fil-meritu*

Illi l-ewwel bazi ghat-talba attrici kif indikata fl-att tac-citazzjoni hija li t-Tribunal ivvjola principju tal-gustizzja naturali, senjatament dak kontenut fil-massima legali audi

alteram partem, meta *"ma ppermettiex lill-atturi jressqu certu provi, b' mod partikolari li jtellghu xhieda li setghu jitfghu dawl fuq l-inkompetenza tal-konvenut…*[1]*"* Illi fl-udjenza tat-28ta' Marzu 200 quddiem it-Tribulan Industrijali hemm registrat hekk: *"Dr.P.Fenech jitlob li jistaqsi lix-xhud kemm dam impjegat fuq xoghol iehor ma' Perit iehor,u domandi relatati ma' impiegi susegwenti mal-Perit Bencini. It-Tribunal ma jaccettax li jsiru dawn id-domandi".*[2]

In propositu l-Qorti tosserva li mill-atti tal-process quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li l-atturi kienu ghamlu talba li jtellghu *"xhieda"* dwar l-inkompetenza tal-konvenut. Mill-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Marzu 2000[3] jirrizulta waqt li kien qed isir il-kontro ezami tal-konvenut, id-difensur tal-atturi talab biex jigi awtorizzat li jaghmel domandi dwar impiegi ohra li kellu l-konvenut. Din it-talba giet michuda mit-Tribunal, u l-kaz tkompla u ma saret ebda riserva da parti tal-atturi. Di fatti fl-udjenza tat-3 ta' Awissu 2000 gie verbalizzat *"Il-partijiet jiddikjaraw li, m' ghandhomx provi aktar u l-kaz jibqa' differit ghas …………. Ghall-finali trattazzjoni orali taz-zewg difensuri".*[4] Ma saret ebda riserva da parti tal-atturi dwar xhieda ohra li xtaqlu jtellghu, la f' din l-udjenza u lanqas f'dawk precedenti

Illi f' dan ir-rigward, il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva li jirrizulta car u manifest mill-atti li l-provi gew mismugha mit-Tribunal b'mod esawrienti, u di fatti fid-decizjoni tieghu hemm esposizzjoni shiha taz-zewg versjonijiet tal-partijiet. Fit-tieni lok, u b' mod partikolari, il-Qorti tirrileva li l-principju tas-smigh xieraq ghandu jigi meqjus fil-kunstest tal-procedura kollha u tal-gudizzju fl-assiem kollu tieghu, u allura mhux kwalsiasi pretest ghandu jservi biex jitwaqqa' gudikat. Fi kliem iehor il-fatt *per se* li l-atturi ma thallewx jghamlu domandi relatati ma' aspett tal-kawza ma jwassalx ghall-konkluzjoni necessarja li b' daqshekk gie lez il-principju ta' *audi alteram partem*. F' dan il-kaz il-

---

[1] Citazzjoni
[2]
[3] Fol.553
[4] Fol.556

Qorti, tenut kont tal-kontestazzjoni quddiem it-Tribunal, tikkonsidera li dik id-decizjoni kienet tikkostitwixxi esercizju lecitu tad-diskrezzjoni taghha skond il-ligi li ttirregola l-procedura taghha. Ma hemm xejn manifestament ingust jew skorrett li t-Tribunal ma ppermettix domandi *"relatati ma' impjegi* *sussegwenti"*[5] liema impjegi ma kienux jifformaw parti mill-meritu tal-kaz li kellhu quddiemu t-Tribunal u li essenzjalment, dan il-meritu, kien jikkonsisti f' allegazzjoni da parti tal-atturi li l-konvenut ma kienx kompetenti biex jghamel ix-xoghol li kienu jassenjawlu fil-kors tal-impieg tieghu maghhom. B' din id-decizjoni t-Tribunal strada l-kaz li kellu quddiemu billi llimita l-provi ghal dak li huwa essenzjalment relevanti biex jiddecidi l-kaz li kellu quddiemu u cioe' jekk it-tkeccija tal-konvenut mill-impieg tieghu mal-atturi kienitx wahda ingusta.

Illi rigward it-tieni bazi tat-talba taghhom l-atturi qed isostnu li t-Tribunal agixxa *ultra vires* meta ta importanza ghall-fatt li l-konvenut ma kienx inghata *warning* bil-miktub qabel tkecca, meta din lanqas mhi rikjesta mill-ligi. B' hekk, wkoll naqas li jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz. Dan l-ilment da parti tal-atturi jemani minn dik il-parti tal-gudizzju fejn hemm imnizzel hekk: *"B' dan kollu t-Tribunal jinsisti fuq il-prassi li tkeccija hija haga serja hafna u ghandha ssir wara li jkunu ttiehdu passi cari biex min mhux sodisfacenti jkun jista' jikkoreggi ruhu u dana, fil-kaz tal-lum ma sarx. Ghalhekk jiddikjara li t-tkeccija kienet ingusta".*[6]

Illi in propositu l-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-principji legali fuq esposti, tirrileva li din hi materja ta' apprezzament ta' fatti u ta' provi; u kif osservat din il-Qorti fis-sentenza precitata: "l-apprezzament tal-provi huwa kompitu esklusiv tat-Tribunal u din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal li quddiemu jkunu ngabru u nstemghu l-provi. Il-Qorti hija ezawtorata milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-vertenza; b' mod li jekk it-Tribunal ghazel li jaccetta verzjoni ta' naha u jibbaza d-decizjoni tieghu fuq din il-

---

[5] Sottolinear mizjud
[6] Atti quddiem it-Tribunal Fols.589 – 590 – Dok.A1

verzjoni tal-fatti, anke jekk din il-Qorti ghall-grazzja tal-argument ma tkunx qablet mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal, xorta wahda l-Qorti ma tistax tiddisturba id-decizjoni. F' dan ir-rigward il-legislatur ried li t-Tribunal ikollu gurisdizzjoni esklusiva."

Il-Qorti tosserva li kien lecitu ghat-tribunal fid-diskrezzjoni tieghu li jghati piz qawwi lil certu fatturi, f' dan il-kaz il-prova tal-mankanza ta' twissija bil-miktub, u jikkonsidraha bhala determinanti ghad-decizjoni li t-tkeccija kienet ingusta. Inoltre, r-ragunament tat-Tribunal f' dan ir-rigward mhuwiex priv mill-logika.

Illi t-tielet bazi ghat-talbiet attrici huwa relatat ma dak precedenti u huwa fis-sens li *"t-Tribunal wera nkonsistenza gravi bejn dak li sab bhala provat u l-konkluzjoni li wasal ghaliha".* Ghal dan l-ilment tal-atturi, japplikaw il-konsiderazzjonijiet fuq esposti. Jigi ribadit illi l-obbligu tat-Tribunal Industrijali li jassigura li ssir gustizzja skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz, ma jimmilitax kontra il-premess, jew kontra l-dispost car tal-Artikolu 28 tal-istess Kap. imma ghandu jigi nterpretat fis-sens illi d-decizjoni tigi disturbata unikament jekk mill-qari tieghu jirrizulta *"tant irrazzjonali li jkun xhieda ta' mala fede."*[7] Huwa f' dawn il-kazijiet ovvji u estremi li l-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni li t-Tribunal naqas mill-obbligu tieghu li jassigura li ssir gustizzja skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz.

Illi fil-kaz in disamina, ma hemm xejn li jista' jwassal ghal din il-konkluzjoni. Il-Qorti tosserva li minn qari tad-decizjoni jirrizulta li fil-kaz quddiem it-Tribunal kien hemm zewg versjonijiet ta' fatt rigwardanti l-agir u l-kompetenza professjonali tal-konvenut. Kien hemm il-versjoni moghtija mix-xhieda mressqa mill-atturi, u l-versjoni tal-konvenut, u jidher car mid-decizjoni, li t-Tribunal ha konjizzjoni ampja ta' dawn il-versjonijet. Di fatti fil-komputazzjoni tar-rimedju finanzjarju, it-Tribunal kkonsidera wkoll il-fatt li l-konvenut *"ikkontriwixxa ghad-decizjoni ta' terminazzjoni u dan ghall-livell mhux insinifikanti."* [8] Certament jesorbita mill-

[7] Vide – ***Prim Awla (CD) Ray Fenech noe vs Victor Fiorentino*** *(supra)*
[8] Atti Tribunal Industrijali – Dok.A1 Fol.590

gurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tesamina u tissindika l-piz li t-Tribunal dehrlu li kellu jghati lil xi element ta' prova migjub quddiemu. In konkluzjoni l-Qorti tosserva li ma hemm xejn x' jindika li t-Tribunal fil-qadi tal-funzjoni tieghu ma wettaqx l-obbligu tieghu li jassigura li ssir gustizzja ai termini tas-sub inciz 3 tatl-Artikoli 31; u ghalhekk din is-sottomissjoni tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi in vista' tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma insostenibbli legalment u fattwalment u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------